MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Numru. 72/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Guzeppi Grech, bin Manuel u Luigia nee' Mallia, imwieled nhar il-21 ta' Frar, 1941, residenti fil-fond numru 249, Josmar, Triq in-Naxxar, Birkirkara, Malta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 179441(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Guzeppi Grech li gie akkuzat talli nhar it-22.08.2009 ghal habta ta' 12:30hrs waqt li kien isuq Vespa m/cycle EBO 134 (three wheeler) fil-wesgha li hemm bejn Triq Xuxa, Kercem, Triq Wied il-Lunzjata u Triq Dun Pawl Micallef, Rabat, Ghawdex;

1) saq vettura nru EBO 134 b'manjiera traskurata u perikoluza;
2) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habat ma' m/cycle FAG 523 ta' ghamla Honda u nvolontarjament ikkaguna hsarat fil-mutur u n-nuccali tal-vista u dan b'detriment ta' Maria Antonia Borg minn Kercem;
3) talli kagun ta' din il-kollizzjoni b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Antonia Borg u dan skond kif iccertifika Dr. Marvic Masini MD tal-Isptar Generali ta' Ghawdex;
4) u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi naqas li jezercita' kura u attenzjoni xierqa meta kien qed jibdel id-direzzjoni jew il-kors tal-vettura EBO 134;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tissospendi l-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt ukoll illi s-sewqan tal-imputat ma kienx xi wiehed perikoluz hafna jew bi traskuragni esagerata billi l-imputat ghamel manuvra u bi zvista huwa dahal fi triq li kienet *one way* u b'hekk sehhet

il-kollizzjoni u ghalhekk il-Qorti m’hijiex ser tghaddi biex tiskwalifika l-licenzja tas-sewqan tal-imputat;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 328(d), 225 u 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ir-Regolament 75 tal-L.S.65.11 issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta’ elf ewro (€1000).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------